MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 286/2005/1

**Rita Vella f' isem u ghan-nom ta' Helen Williams**

**vs**

**(1) Connie Borg Berquist u
(2) b' digriet tat-30 ta' Mejju 2005 Av. Dr. Leslie Cuschieri gie nominat kuratur sabiex jirrapprezenta lill-assenti Colin Corhart**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Dicembru, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz upprezentat mill-attrici nomine fit-12 ta' Mejju 2005 fejn talbet lil din il-Qorti li tordna illi jigi revokat l-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid numru 1884/04 FF mahrug minn din il-Qorti fit-tlieta u

ghoxrin (23) ta’ Settembru 2004 (Dok. A) in kwantu gie maqbud *“rubber dinghy”*, li ghandu mutur tal-marka Suzuki 140 u li jinsab gewwa *Techno Marine*,Triq Wied il-Ghasel, Burmarrad, peress illi l-attrici hija l-propjetarja ta’ l-imsemmi *dinghy* u dan kif jirrizulta mid-dokument annessi u mmarkati Dok. B u Dok C.

Bl-ispejjez, sad-data tar-revoka ta’ l-esekuzzjoni tal-mandat ta’ Qbid numru 1884/04, kollox, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

B’riserva ghal kull azzjoni ta’ danni derivanti mill-hsara li qed jigri u/jew li ghad tista’ tigri lill-imsemmi ‘*rubber dinghy*’ li ghandu mutur tal-marka Suzuki 140.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Connie Borg Berquist fejn eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok in-nullita’ ta’ l-avviz, peress illi ai termini ta’ l-Art. 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta talba ghall-hrug ta’ kontro mandat f’mandat kawtelatorju, tista’ biss minn dik il-persuna li kontriha ikun inhareg il-mandat kawtelatorju u mhux minn terzi kif qed isir fil-kaz odjern.
2. Illi n-nullita’ ta’ l-avviz stante li l-procedura ghall-hrug ta’ kontro-mandat issir biss b’rikors, fl-atti ta’ l-istess mandat kawtelatorju jew jekk ikun hemm kawza intavolata (kif fil-fatt huwa l-kaz) ir-rikors ghandu jsir fl-atti tal-kawza. illi minflok l-attrici nomine ghazlet li tintavola avviz li ma ghandu x’jaqsam xejn ma’ l-atti tal-mandat ta’ qbid numru 1884/04FF u dana kontra l-provediment ta’ l-Art. 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. Illi fil-mertu, it-talbiet ta’ l-attrici nomine ghandhom jigu michuda stante li l-kawza hija biss montatura da parti tad-debitur Colin Corhart li sabiex jahrab l-obbligi tieghu versu l-esponenti issa hareg bl-istorja li d-*dinghy* mhux tieghu, izda ta’ persuna ohra.

Bl-ispejjez.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Dr Leslie Cuschieri nomine fejn eccepixxa:

1. Illi b'digriet tat-30 ta' Mejju 2005 huwa gie nominat kuratur deputat biex jirraprezenta lill-assenti Colin Corhart;
2. Illi s-sissa, huwa ghad m'ghandux mezz kif jikkomunika ma' din il-persuna minnu rapprezentata, u ghalhekk mhuwiex edott mill-fatti tal-kaz;
3. Ghaldaqstant, huwa jirriserva li jeccepixxi ulterjorament fi stadju ulterjuri tal-kaz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

F'din il-kawza l-attrici qeda titlob ir-revoka ta' l-esekuzzjoni ta' Mandat li fih inqabghad *rubber dinghy* u magna Suzuki 1.4, allegatament proprjeta' ta' Helen Williams.

Irrizulta mill-provi, illi din ta' l-ahhar kellha konnessjonijiet ma' Malta permezz ta' *diving school* u kienet ukoll habiba ta' certa Colin Corhart illi hajjarha ggib dghajsa Malta sabiex juzawha ghall-kopijiet tan-negozju tad-*diving*. Skond Helen Williams [fol. 30] hija xtrat id-dghajsa bi flusha fuq il-parir ta' Colin Corhart. Dan ta' l-ahhar ma kkontribwixxa xejn ghax-xiri tad-dghajsa. Gabuha Malta rmunkata ma' karozza, prorpjeta' ta' Colin Corhart, u giet uzata Malta. Williams siefret lura lejn l-Ingilterra, izda jidher illi Colin Corhart dahal f'diversi djun sakemm fl-ahhar spicca biex kellu jahrab minn Malta.

Il-konvenuta Connie Borg Berquist hija wahda minn dawk il-kredituri ta' Colin Corhart u biex tissalvagwarda l-interessi taghha ghamlet Mandat

ta’ Qbid fuq id-*dinghy* in kwistjoni. Skond kliemha, ma kinitx taf li d-dghajsa ma kinitx proprjeta’ ta’ Colin Corhart, assumiet biss illi kienet tieghu peress illi kein dejjem jirreferi ghaliha bhala “my boat”.

L-attrici pproduciet kopja awtentikata ta’ Bill of Sale, fejn hemm id-deskrizzjoni tad-*dinghy*, b’dettalji fejn jirrigwardaw it-*transferee* miktubin minnha stess, cioe’ Helen Williams, u fejn hemm it-*transferor* miktubin minn sid id-dghajsa.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel eccezzjoni taghha l-konvenuta eccepiet illi l-attrici missha wzat il-procedura kif kontemplata fl-Art. 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jippreskrivi metodu ta’ rikors kif tista’ titlob ir-revoka ta’ mandat kawtelatorju quddiem il-Qorti li tkun qed tittratta l-kawza in konnessjoni ma’ dak il-mandat.

Apparti l-fatt li ma jidhirx li giet istitwita kawza wara l-mandat, l-artikolu fuq imsemmi jippreskrivi metodu ta’ rikors disponibbli lill-“intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih … ”. F’din l-istanza mhuwiex l-intimat hekk kwalifikat li qed jagixxi izda terz li allega li kellu proprjeta' tieghu ingustament affettwara bil-hrug tal-Mandat. F’dawn ic-cirkostanzi t-terz ma jistax jagixxi b’rikors izda b’kawza ‘ad hoc’ kif effettivament qed taghmel l-attrici nomine.

Ghaldaqstant, il-Qorti tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta.

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, il-Qorti thoss illi l-attrici ppruvat fi grad li trid il-ligi illi d-*dinghy* in kwistjoni hija proprjeta’ taghha. Gie esebit il-Bill of Sale, debitament awtentikat, u hdejn ic-certezza tax-xhieda ta’ Helen Williams, il-Qorti jidhrilha illi m’ghandhiex toqghod fuq ix-xhieda nebuluza tal-

konvenuta meta tghid biss illi hija "assumiet" illi dghajsa kienet ta' Colin Corhart.

Din ic-certezza ta' Williams hija bizejjed sabiex l-attrici nomine jkollha ezitu favur taghha f'din il-kawza.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici nomine, tordna r-revoka ta' l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid numru 1884/04FF, mahrug minn din il-Qorti fit-23 ta' Settembru 2004, in kwantu gie maqbud *"rubber dinghy"*, li ghandu mutur tal-marka Suzuki 140 u li jinsab gewwa *Techno Marine*, Triq Wied il-Ghasel, Burmarrad, peress illi l-attrici hija l-propjetarja ta' l-imsemmi *dinghy.*

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**"**

Bl-appell taghha minn din is-sentenza l-konvenuta Connie Borg Berquist ticcensura r-*ratio decidendi* ta' l-ewwel Qorti billi, principalment, tikkontendi illi din ghamlet apprezzament errat tal-provi, uzat kriterji zbaljati ghall-konvinciment taghha u, fuq kollox, ma ntebhetx li dak li qed taghmel l-attrici jikkwalifika bhala abuziv u fabbrikazzjoni qarrieq biex jigi eluz l-kreditu taghha. Hi ssostni wkoll illi, f' kull kaz, ma kellhiex tigi akkollata l-ispejjez intieri tal-kawza ghax dawn messhom gew imposti fuq il-konvenut l-iehor;

Fil-qosor, il-fatti li taw lok ghall-istanza quddiem l-ewwel Qorti kienu dawn. L-appellanti sellfet flejjes lill-konvenut Colin Corhart. Hi tghid li dan offra bhala kollaterali d-*dinghy* li kien fil-pussess tieghu ghax dan kien qalilha li l-istess *dinghy* kien proprjeta` tieghu. B' danakollu tissokta tiddikjara (ara xhieda taghha a fol. 37) illi "*I did not request proof of title where the boat was concerned*" ghaliex, ukoll fi kliemha, "*I just assumed that it was his*". Meta ssusspettat li kien hemm riskju ghaliha li ma tigix

rimborsata l-flejjes mislufa talbet il-hrug ta' mandat ta' qbid (Numru 1884/04) li gie akkordat mill-Qorti. L-azzjoni odjerna hi proprju diretta ghar-revoka ta' dan il-mandat in kwantu l-attrici tippremetti li d-*dinghy* jappartjeni lilha bi proprjeta`;

Jibda biex jinghad, bi preliminari, illi skop tal-mandat ta' qbid ta' haga mobbli hu dak li jigi prelevat l-oggett minghand id-debitur ghal fini li min ikun talab l-emissjoni tieghu jhares u jassikura l-jeddijiet kreditorji tieghu. Ara Artikolu 284 tal-Kapitolu 12 b' applikazzjoni ta' l-Artikolu 846 ta' l-istess Kodici ritwali. Jekk, imbaghad, jirrizulta li l-oggett hekk maqbud ma huwiex ta' appartenenza tad-debitur imma ta' terz, dan ta' l-ahhar ghandu motiv guridiku biex jitlob ir-revoka tal-mandat u l-liberazzjoni ta' l-oggett. Hu dan li fil-kaz prezenti ppretendiet l-appellata u li s-sentenza impunjata ghaddiet biex takkolji u tiddeciedi adezivament ghall-istanza tar-revoka;

Jidher mill-kontenut tas-sentenza illi l-ewwel Qorti qieset li l-provi sottomessi lilha mill-appellata kienu sufficjentement attendibbli ghall-formazzjoni tal-konvinciment taghha. Hu evidenti illi l-elementi li wassluha ghal din il-konkluzjoni kienu partikolarment tlieta, u cjoe (i) il-*bill of sale*, (ii) ic-certezza tax-xhieda ta' l-appellata u (iii) ix-xhieda nebuluza ta' l-appellanti. In vista ta' l-aggravji sottomessi huma dawn l-istess elementi li l-Qorti hi fid-dover li tistharreg ghal skop tar-ri-ezami tad-diskrezzjoni ta' gudizzju maghmul mill-Qorti inferjuri;

Hi gurisprudenza illi "ebda prova ma hija attendibbli biex jigi stabbilit min huwa r-*registered owner* ta' bastiment hlief ic-certifikat tal-Bill of Sale" ("**Joseph Bugeja -vs- Joseph Bartolo *et***", Qorti tal-Kummerc, 10 ta' Jannar 1950). F' dan il-kaz dan id-dokument esebit a fol. 6 juri taht l-attestazzjoni tax-xhieda illi sid id-*dinghy* prelevat bil-mandat mhix hlief l-attrici. Huwa inutli li l-appellanti tittanta, bis-sosttomissjonijiet taghha f' din is-sede, tattakka r-regolarita tieghu jew li dan gie hekk esebit biex

jinfluwenza l-gudizzju tal-Qorti. Dan ghaliex, ghalkemm kellha l-opportunita`, minn imkien mill-provi ma jirrizulta li l-appellanti ikkwerelat l-awtenticita tieghu, u la dan ma sarx ma tistax tippretendi illi tali dokument, skond ir-regoli ta' l-evidenza (Artikoli 627 sa 643 tal-Kodici ta' Procedura), ma jkollux l-impronta tal-veracita tieghu fir-riflessjoni tar-rizultanzi probatorji l-ohra. Senjatament, ix-xhieda konfermatorja ta' l-appellata a fol. 30 li d-*dinghy* inxtara bi flusha u hi kienet il-proprjetarja tieghu. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex l-ewwel Qorti kellha tiddubita minn din l-istqarrija u l-prova dokumentali kostitwita bil-Bill of Sale;

Hekk ukoll din il-Qorti ma ssibx illi tista' tammetti l-proposizzjoni ta' l-appellanti illi x-xhieda ta' l-appellata hi dubbjuza jew ta' import qarrieqi. M' hemmx raguni ghaliex m' ghandux jibqa' japplika l-principju generali sancit fl-Artikolu 532 tal-Kodici Civili li l-bwona fede hi prezunta u min jallega l-"mala fede" ghandu jipprovaha. Prova din li, kif intqal, "*si deve desumere da circostanze ineluttabili ed affatto non equivoche*" ("**Borg -vs- Grech**", Appell, 30 ta' Jannar, 1869). Ikollu jinghad li lanqas din il-prova ma saret u allura l-Qorti ma tistax toqghod fuq supposizzjonijiet jew kongetturi, kompriz dik ta' possibbli kolluzjoni bejn l-appellata u l-konvenut l-iehor, li ma huma bl-ebda mod konfortati mill-provi istruttorji;

Il-verita hi li l-appellanti kienet pjuttost ingenwa, jekk mhux ukoll negligenti, meta ghamlet affidament fuq il-kelma tal-konvenut Corhart, jew ukoll ghax hekk assumiet fil-mument tas-self, li dan kien sid id-*dinghy*. Dan qed jigi rilevat in kwantu fuq il-bazi ta' l-istess dikjarazzjonijiet taghha hu ovvju illi l-appellanti naqset milli taghmel il-verifiki necessarji u ghaddiet biex issellef flejjes minghajr ma ndagat, bid-diligenza dovuta, jekk effettivament id-*dinghy* offrut b' garanzija kienx verosimilment ta' proprjeta` tal-mutwatarju. La kif mistqarr minnha, ommettiet li taghmel il-verifiki, u lanqas biss talbitu prova tal-proprjeta` vantata, jew li l-flejjes mislufa tabilhaqq gew adoperati ghax-xiri ta' attrezzi tad-*diving*, dan, fil-fehma

tal-Qorti, issahhah l-argument ta' l-ewwel Qorti illi l-appellanti ghamlet fidi esagerata fuq il-kelma ta' Corhart. Ikollu jinghad illi jekk hi kienet kuntenta li tassumi li hu kien il-proprjetarju tad-*dinghy*, din l-assunzjoni taghha ma tistax, ghaldaqshekk, titqies indici ta' assenza ta' bwona fede fl-appellata;

Fuq dawn il-kunsiderazzjonijiet din il-Qorti, ghalkemm tissimpatizza mal-qaghda ta' l-appellanti, ma tistax ragonevolment taccetta bhala xi verita sagrosanta illi x-xhieda ta' l-appellata, skond kif kwalifikata mill-istess appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha "ma hija xejn ghajr fabbrikazzjoni qarrieqa ghall-ahhar". L-aggravju fil-mertu ma jistax allura jitqies fondat. Dan japplika ukoll fil-kaz tal-gravam l-iehor fuq il-kap ta' l-ispejjez gjaladarba, sa minn qabel l-azzjoni promossa, l-appellanti kellha gja indikazzjoni cara illi d-*dinghy* prelevat ma kienx ta' Corhart izda ta' l-attrici. Ara ittra tal-11 ta' Marzu 2005 mibghuta mill-Avukat ta' l-attrici lil konsulent legali ta' l-appellanti (fol. 7). B' danakollu, evalwati c-cirkostanzi kollha, mhux il-kaz li l-Qorti tilqa' s-sottomissjoni ta' l-appellata ghall-imposizzjoni tad-*doppio spese*.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra il-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------